

# San Pawl, qabel San Pawl il-Baħar

Comm. Salvator Mousu`

Dwar in-Nawfraġju ta' San Pawl inkiteb fuq l-inkiteb u naħseb li l-aktar fejn tidħol Malta u nispera li spiċċat il-kwistjoni jekk kienx f'Malta jew le. Fejn jidħol pajjizna naħseb li tant smajna, qrajna u ddiskutejna li dawk il-paragrafi tal-Atti tal-Appostli tgħallimnihom kwazi bl-amment. Mhux l-istess izda nistgħu ngħidu dwar il-vjaġġ ta' San Pawl qabel ma ġie Malta fi triqtu lejn Ruma. Dawn il-postijiet jew tappi tal-aħħar vjaġġ tiegħu kienu il-prekursuri tal-miġja tiegħu fostna u setgħu jew ma setgħux ikollhom effett fuq il-mawra tiegħu sakemm daħal, kif nesprimu ruħna illum, fl-ibħra territorjali tagħna.

B'dal ħsieb f'moħħi xtaqt li nsegwu u nixtarru x'kienu, fejn u x'importanza kellhom dawn il-postijiet u flimkien nifthu tieqa ċkejkna fuqhom u niskopruhom.

***Civis Romanus sum*** kienet il-famuza għajta ta' Pawlu meta sab ruhu minaċċjat bil-possibilita` li jigi assassinat u kompliha bl-appell tiegħu biex il-kas tiegħu jittella quddiem Ċesare. Dikjarazzjoni li ħawdet xi ftit lir-re Agrippa għax Pawlu kien sar jinteressah imma la ddikjara hekk, qal lill sieħbu ċar u tond: *"Li ma appellax għal quddiem Ċesare, kont nitilqu"*

U minn dak il-ħin u dak il-post bdiet tista' tgħid is-saga tiegħu u ta' oħrajn lejn Malta u, eventwalment, lejn Ruma meta telgħu fuq xini li kien oriġina f'**Adramitti** (Adramyttium) belt li tinsab fit-Turkija u li llum iġġib l-isem ta' Edremit. Fi zmien Pawlu kienet belt marittima ta' ċerta importanza li kellha il-patruni tagħha, skond il-mitologija Graeco-Romana, l-ulied tewmin ta' Ġiove: Castore u Polluce. It-temp kien tajjeb u baħħru l-fuq mal-kosta Feniċja (Lebanon tal-lum) u zbarkaw fil-belt antikissima ta' **Sidon** (illum Saida). Tant kienet fil-passat magħrufa li saħansitra fl-Antik Testment tissemma mhux inqas minn tmienja u tletin darba filwaqt li fil Ġdid tissemma tnax-il darba. Dil-belt rat, sofriet (u gawdiet) minn bosta saltniet u popli bħal Egizzjani, Babilonizi, Persjani, Griegi u Rumani li kollha ħallew xi marka dejjiema taċ- ċivilta` tagħhom fiha. Profeti u rejiet ġew hawn; Ġesu` nnifsu għamel il-mirakli fiha u Pawlu għamel l-ewwel waqfa tiegħu, fi triqtu twila lejn Ruma, hawnhekk fejn Ġulju iċ-ċenturjun tah il-liberta` li jkun jista' jiltaqa', jitkellem u jinvista lill min irid.

*"Tlaqna minn hemm u mxejna għall irdoss ta' Ċipru ..... u qsamna l-baħar lejn in-naħa ta' Ċilicja u Panfilja"* kiteb San Luqa. San Pawl kien diġa zar qabel il-gzira ta' **Ċipru** fejn kien ippriedka fl-ibliet ta' Selewki (*Seleucis*) u Pafos (*Paphos*) fost oħrajn imma f'dal vjaġġ għadda biss minn ħdejha peres li l-bastiment ma rieduħx jitbiegħed minn mal-kosta tal-Asja Minuri (Turkija) jigifieri, kif qal il-kittieb, daqsxejn għall irdoss ukoll tar-reġjuni ta' Ċilicja u Panfilja.

Iċ-**Ċilicja** (*Cilicia*) kienet provincja tal-Imperu Ruman bil-kapitali tagħha Tarsu: dik il-belt li welldet lil Pawlu u li bis-saħħa tagħha kien akkwista ċ-ċittadinanza Rumana. Fl-antik ic-Ċilicja kienet bħal pont bejn it-Turkija u s-Sirja u d-dħul minn din tal-aħħar għall-Asja Minuri kien possibbli biss minn dan ir-reġjun. Studjuzi tal-ewwel snin tal-Kristjanezimu jsostnu li ċ-Ċilicja kienet l-ewwel ċentru ta' konverzjoni Nisranija u li b'hekk infetah il-bieb għat-tixrid tal-Evangelju fl-Imperu Ruman.

Baqgħu sejrin għall-irdoss tax-xtajtiet biswit il-bajja ta' **Adalia** fir reġjun ta' **Panfilja** (*Pamphilia*) sakemm waslu f'dak ta' ħdejha jigifieri Liċia. Panfilja kienet rat u laqgħet lill Pawlu fl-ewwel vjaġġ tiegħu. L-isem ta' dil-belt (li llum huwa Skandalor) tnissel minn żewg kelmiet li jfissru "Il-Ġnus Kollha" li jista' jagħti l-wiehed x'jifhem li l-abitanti tagħha kienu taħlita sew ta' bosta razez, jew ġnus. Kienet provinċja indipendenti taħt Ruma li wara ingħaqdet, jew ġiet assorbita, minn Galatja u Liċja. Il-ġifen li fih kien Pawlu u sħabu waqaf f' **Liċja** (reġjun ieħor) u zbarkaw fil-port ta' **Mira**. Dil-belt li llum issemmiet Debre (fit-Turkija) mid-dehra kienet port ta' zmistament il-għaliex hawn kien sorġa il-ġifen Adramit u l-ekwipaġġ kellu jibdlu u ….. "Iċ-ċenturjun sab ġifen minn Lixandra li kien sejjer l-Italja" u kulħadd tela' fuqu.

Minn hawn telqula lejn il-punent fiz-zona ta' **Caria** preċizament biswit il-belt ta' **Knidu** (*Cnidus*) il-metropoli ta' Doris Asiatica. Knidu kienet magħrufa għall-iskulturi ċelebri ta' Prassitele. Billi l-irjieħ bdew jonfħu bil-qawwa ma setgħux jidħlu l-gewwa u allura ġibdu l-isfel lejn il-gzira ta' Salmone fuq l-orjent ta' Kreta. Il-gzira ta' Kreta wkoll serviet ta' rdoss għaliex il-maltemp beda jzid fil-qawwa tiegħu u ġibdu lejn l-ewwel port li kien jismu il-**Port Hlejju** (*Boni Porti bit-Taljan*). Dan kien port limitat fid-daqs li llum jismu Limenes Kali u li jinsab fin-naħa t'isfel ta' Kreta mhux wisq il-bogħod minn Capo Matala viċin il-belt ta' **Thalassa** (Lasea jew Lasaja bil-Malti). Din kienet belt magħrufa fi żmien San Pawl imma llum ma baqa' kwazi xejn minnha bħalma ġralhom tant bliet oħra ta' Kreta. Ma ninsewx li Kreta hi gzira bi storja millenarja kbira li leħqet l-ogħla livell taċ-ċivilta` tagħha Minoana mal-elfejn sena qabel Kristu biċ-ċentru kbir spettakolari tagħha ta' Knossos. Sa jingħad li kienet mogħnija b'mhux inqas minn mitt belt.

Kreta hi mportanti wkoll fl-istorja tar-Reliġjon Nisranija fejn Pawlu nizel bħala priġunier u fejn il-ġifen tiegħu qagħad jistkenn għal xi żmien. Pawlu flimkien ma sħabu damu daqsxejn f'dal-post fejn xandar kemm felah il-messaġġ ta' Kristu u dan seta jagħmlu ghaliex, fortuna bi sfortuna, il-maltempijiet bdew jiżdiedu u s-safar kien sar perikoluz. Hawnhekk u f'dis-sitwazzjoni nistgħu nammiraw l-esperjenza u l-konoxxenza ta' Pawlu dwar it-temp u l-burdati tal-baħar. Minħabba f'dan id-dewmien tagħhom fi Kreta peres li "… jum is-sawm kien diġa għadda ...", li fih ma kienx isir tbaħħir, bejn Ottubru u Frar, u fil-fatt kien sar ukoll projbitiv; Pawlu wissiehom kemm felah biex ma jaghmluhiex tal-bravi għax "….. is-safra ser tkun ta' telf kbir!" Izda l-kaptan, li probabilment kellu f'moħħu qlieħ ta' kemxa ġmielha, ma riedx jaf u ċ-ċenturjun sema minnu u mhux minn Pawlu. Issa, billi dak il- Port is-Sabih ma kienx kbir bizzejjed u ta' nuqqas ta' sigurta` biex iqattgħu ix-xitwa fih il-biċċa l-kbira tal-ekwipagg riedu jitilqu u jippruvaw jidħlu

fil-port ta' **Fenice** li jinsab aktar l-isfel u ferm aħjar bħala refuġju sabiex iqattgħu fih ix-xitwa.

Kif il-maltemp batta xi ftit u ziffa ħelwa bħal stidnithom biex jitilqu qishom serrħu moħħom li ħsiebhom kien ser jirnexxi u xi ftit kuntenti ".. refgħu l-ankra u mxew max-xatt ta' Kreta". Imma x'gara ?

Kif nafu tant tajjeb aħna l-Maltin meta jattakkana l-Grigal (u spiss f'daqqa), l-irjieħ u t-tempesta li jgib miegħu ikunu tabilħaqq ta' preokkupazzjoni u jekk tkun fuq il-baħar is-sitwazzjoni tinbidel f'tal-biza. Minhabba f'hekk allura ġara: "Il-ġifen inqabad u ma setax izomm kontra r-riħ u ħallejnieh iġorrna." U, fejn tefaħhom ir-riħ, ippruvaw li jsibu refuġju fi gzira zgħira li jisimha **Kawda** (*Cauda*); f'naha fejn l-ilmijiet kienu aktar kalmi maġenb dil-gzira. Ippruvaw irazznu l-ġirja tal-ġifen meta zarmaw il-qlugħ imma l-ġifen, kif jirrakkonta San Luqa, " b'ġirja waħda" bħal zgiċċa u ħallew il-mewġ iġorrhom miegħu għax bezgħu li jinkaljaw fuq xi **sikka**. Hawn il-kittieb tal-Atti tal-Appostli juza preċizament il-kelmiet "..fuq is-Sirti".
Din tas-**Sirti** hu nteressanti li wiehed jgħid xi ħaġa fuqha.

L-ewwelnett huwa mportanti li nikkwotaw l-isem propja u ezatt ta': *Syrtis* il-għaliex din il-kelma purament Latina tfisser appuntu sikka. Din m'hix sempliċi "Xatt tal-Libja" kif xi annotamenti tal-Bibbja jiktbu imma hi *area* enormi ta' baħar li tinfirex mat-truf tal-Afrika ta' fuq, mill-Eġittu sat-Tunezija. Tant hi mdaqqsa li saħansitra tinqasam (ġeografikament) f'zewġ golfi ġganteski: dik tal-lemin: *Syrtis Major* (allura l-ikbar) li llum isejħulha il-Golf ta' Sidra f'tul ta' xi tlett mitt kilometru (minn Misurata sa Benghazi) u dik tax-xellug: *Syrtis Minor* li illum iġġib l-isem ta' il-Golf ta' Gabes. U għaliex qed ngħid dan?

L-ewwelnett huwa mportanti li nzommu quddiem għajnejna li fi żmien ir-Rumani, i.e. fi żmien San Pawl, dil-fetħa kollha ta' baħar kienet twerwer lill kulħadd u l-aktar naturalment lill-baħħara minħabba li r-ramel kien jiċċaqlaq bi kwantita' kbira u b'ħeffa tant li kienu jipproducu bħal "*tides*" li jbiddlu f'ħakka t'għajn il-formazzjoni ta' qiegħ il-baħar. Dan allura jispjega r-raġuni il-għala San Luqa juri l-preokkupazzjoni kbira ta' kulħadd bil-biza li setgħu jinkaljaw "fuq is-Sirti" u s-Sirti f'dal-kaz kienet dik l-aktar perikoluza: *Syrtis Major*, li l-grigal kien qed jonfoh b'tant qilla lejha.

Imma fortunatament, jew b'intervent Divin, ir-riħ mil-Lvant imbuttahom " .. 'l-hawn u l-hemm fil-**Baħar ta' Adrija**." Kif il-qarrej naħseb li jaf dan qed jirreferi għal baħar tal-Adrijatiku li jofroq il-Balkani mill-Italja u jibqa niezel sa linja immaġinarja ta' bejn Kreta u Malta. Sa minn bosta sekli, ferm qabel San Luqa, diversi kittieba jitkellmu dwar il-vjolenza aggressive ta' hawnhekk . Missier l-istorja mondjali, Omero, kemm-il darba irrefera fil-kitba tiegħu għat-tempesti qliel li fflaġellaw dal-Baħar. Saħansitra l-istoriku Giudeo-Ruman, Josephus fis-sena 64 W.K. (nosservaw kemm qrib is-sena tan-nawfraġju Pawlin) kien involut f'nawfraġju ferm simili hawnhekk u salva bil-ħniena bħal San Pawl. U ..... minn hawn 'l quddiem smajna fuq li smajna dwar x'issuċċieda minn San Pawl u l-mitejn u sitta u sebgħin passiġġier li kienu miegħu meta nizlu fi Gziritna anzi, biex inkun aktar précis, f'San Pawl il-Baħar, qabel li, meritatament, wiret dan l-isem!